

# Xi jkun das-"Sinodu"?

### Xi jkun "Sinodu"?

Is-Sinodu tal-Isqfijiet ilaqqa' flimkien rappreżentanti tal-Isqfijiet mid-dinja kollha, li f'għaqda mal-Papa jiddiskutu temi importanti għall-ħajja tal-Knisja. Kien il-Papa Pawlu VI li waqqaf is-Sinodu tal-Isqfijiet fl-1965. U dan baqa' jitlaqqa' regolarment kull sentejn jew tlieta.

### Fuqiex se jkun is-Sinodu tal-2023?

It-tema hija "Lejn Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni, Missjoni". Il-Papa ried li bi tħejjija għal dan, minn Ottubru 2021 issir "mixja sinodali" fil-Knisja kollha. F'kull djoċesi, ħafna nies jistgħu jagħtu sehemhom billi jgħidu x'jaħsbu, u x'inhuma l-esperjenzi u l-proposti tagħhom.

### Meta se jibda f'Malta?

F'Malta diġà beda f'Ġunju tal-2020 bid-dokument "Knisja Waħda Vjaġġ Wieħed". Matul l-2021 qed issir riflessjoni fuq "Knisja li tisma'", b'numru ta' laqgħat online u bis-sehem ta' ħafna. F'Novembru se tiltaqa' wkoll l-Assemblea Djoċesana. Malta hija tassew inserita f'din il-mixja li nieda l-Papa Franġisku.

B'sodisfazzjon insemmu li bejn l-1999 u l-2003 f'Malta kien sar Sinodu Djoċesan, tip ieħor ta' Sinodu bis-sehem ta' kulħadd, mhux tal-Isqfijiet biss. Kien tassew esperjenza ta' "mixja flimkien". Dak li l-Papa jixtieq għall-Knisja universali aħna għexnieh diġà fuq livell lokali madwar għoxrin sena ilu, u nafu kemm ħalla frott.

## 10 tifsiriet ta' "Sinodalità"

### 1. Sejħa tal-Ispirtu ta' Alla

Hu l-Ispirtu ta' Alla li jġedded kontinwament il-Knisja u jsejħilha biex tipprattika s-sinodalità bħala mod kif tgħix u taġixxi, u fl-istess ħin tippromovi s-sehem tal-imgħammdin u l-persuni ta' rieda tajba, kulħadd skont l-età, l-istat ta' ħajja u l-vokazzjoni tiegħu. Il-kolleġġjalità (li tgħaqqad lill-isqfijiet mal-Papa) tiġi mirquma u tistagħna permezz tas-sinodalità fuq kull livell.

### 2. Mixja flimkien

San Ġwann Kriżostmu jgħid li "Knisja u Sinodu huma sinonimi". Il-Knisja mhix ħlief il-merħla ta' Alla li tul il-mogħdijiet tal-istorja timxi flimkien lejn Kristu l-Mulej. Is-sinodalità tikkaratterizza l-ħajja u l-missjoni tal-Knisja u tal-Ġisem ta' Kristu.

### 3. Tenfasizza r-relazzjonijiet fil-Knisja

Il-fidi tgħaddi permezz ta' relazzjonijiet: ma' Kristu, mal-oħrajn, fil-komunità. Il-Knisja hi msejħa tqiegħed fiċ-ċentru s-smigħ, l-akkoljenza, id-djalogu, f'mixja li tibdel il-ħajja ta' min jieħu sehem fiha.

### 4. Turi ruħha fis-smigħ u d-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet

L-istil taSinodu għandu jiġbor fih is-smigħ fratern u d-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet, bl-għan li jaslu flimkien għal direzzjoni pastorali attenta għall-persuni emarġinati u għal min ftit jew xejn għandhom kuntatt mal-komunitajiet ekkleżjali.

### 5. Apprezzament tal-kariżmi, parteċipazzjoni, korresponsabbiltà

Dan l-istil ta' Knisja jagħraf il-valur tal-kariżmi li l-Ispirtu jagħti lil kull wieħed u waħda minna – skont il-vokazzjoni u r-rwol ta' dak li jkun. Il-Knisja ssir aktar parteċipattiva u korresponsabbli, li tilqa' s-sehem tal-lajċi, fejn ħadd ma jkun imwarrab.

### 6. Tgħinna nevitaw il-klerikaliżmu

Il-klerikaliżmu hu marbut mal-poter u jeskludi lil bosta mill-proċessi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Il-klerikalizzazzjoni tal-lajċi jagħlaqhom minflok joħroġhom f'impenn missjunarju fid-dinja.

### 7. Insaħħu l-proċessi ta' dixxerniment komunitarju

Din l-esperjenza tgħinna nifhmu aħjar is-sens tal-awtorità bħala servizz, kif uriena Ġesù. Jekk insaħħu l-proċessi ta' dixxerniment komunitarju nkunu nistgħu naqraw aħjar is-"sinjali taż-żminijiet" fid-dawl tal-fidi u taħt il-gwida tal-Ispirtu – bis-sehem ta' kulħadd, ibda minn dawk fil-periferija.

### 8. Ngħaddu mill-"jien" għall-"aħna"

B'dan il-mod, kull "jien" jista' jgħix u jimxi mal-"aħna" bħala responsabbli fil-missjoni waħdanija tal-Poplu ta' Alla. Il-komunità Nisranija hi msejħa ma tibqax magħluqa fiha nfisha imma toħroġ lejn il-bnedmin kollha.

### 9. Issaħħaħ id-djalogu mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba

F'dinja mimlija diversità ta' popli u kulturi, sar aktar importanti li "nimxu flimkien" biex insaħħu l-inizjattivi ta' solidarjetà, integrazzjoni u promozzjoni tal-ġustizzja. Għal dan, għandna nkunu mdawlin mit-tagħlim soċjali tal-Knisja, ibbażat fuq prinċipji bħad-dinjità tal-persuna, l-għażla preferenzjali favur il-foqra, l-għożża tad-dar komuni tagħna.

### 10. Formazzjoni speċifika

Is-Sinodalità ma tiġix waħedha. Ħafna drabi teħtieġ ukoll konverżjoni tal-qalb u tal-attitudnijiet.